



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9834/1/21
REV 1

ECOFIN 601
UEM 157
DEVGEN 123

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	14 ta' Ġunju 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9462/1/21 REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp (14 ta' Ġunju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp (EFAD) kif adottati mill-Kunsill fit-3802 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Ġunju 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ
tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp – EFAD**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 dwar it-tisħiħ tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp (EFAD)¹ u l-qbil politiku li ntlaħaq dwar l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali għall-perijodu 2021-2027, li jinkludi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+).
2. JILQA' l-istudju ta' fattibbiltà indipendenti dwar l-għażliet għat-tisħiħ tal-EFAD futur, u l-konverġenza qawwija ta' fehmiet fost l-Istati Membri dwar it-tisħiħ u t-titjib tal-istruttura istituzzjonali attwali bħala t-triq 'il quddiem preferuta biex tissaħħaħ l-EFAD biex jizzied l-impatt tal-iżvilupp. JIRRIKONOXXI wkoll il-hteġa li l-EFAD tiġi integrata fil-politika esterna tal-UE fid-dawl tal-kompetizzjoni ġeoeconomika u politika li qed tiżdied, fost l-oħrajn billi tiġi ffinanzjata l-konnettività sostenibbli.
3. JENFASIZZA l-urġenza li jiġu indirizzati l-isfidi għall-iżvilupp imsaħħa mill-pandemija tal-COVID-19, l-importanza ta' bini mill-ġdid ta' approċċ aħjar, aktar ekoloġiku u aktar inklużiv u ta' twettiq rapidu fuq il-post bil-ħsieb li jingħata kontribut għall-Aġenda 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, kif ukoll il-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, JISSOTTOLINJA r-rilevanza li jiġu mobilizzati kemm is-setturi pubbliċi kif ukoll dawk privati u li jiġu mmirati investimenti fejn il-ħtiġijiet huma l-akbar u għar-regġuni l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi f'sitwazzjoni ta' fraġilità jew milquta minn konflitt, l-Afrika, il-Viċinat kif ukoll f'reġjuni prijoritarji oħra milquta serjament mill-pandemija.

¹ 14434/19

4. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-EFAD issir aktar effettiva, effiċjenti, iffukata fuq l-iżvilupp, koerenti u viżibbli, f'konformità mal-prinċipju li l-politiki jiġu l-ewwel u mal-interessi u l-valuri strateġiċi tal-UE, inkluż id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-klima, kif ukoll abbażi tal-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab. Filwaqt LI JIRRIKONNOXXI r-rwol ewlieni tal-BEI bħala l-bank tal-UE, JISSOTTOLINJA li l-EFAD għandha tkun ibbażata fuq arkitettura miftuħa, kollaborattiva u inklużiva, li taħdem mal-banek għall-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej kollha, filwaqt li tibni fuq il-pajjiż, l-għarfien settorjali jew finanzjarju rispettiv tagħhom, il-valur miżjud u r-riżorsi, u fuq is-salvagwardja ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, anke bil-ħsieb li jiġu inklużi investimenti privati.
5. JENFASIZZA l-importanza ta' gwida politika msaħħa mill-Kunsill, kif ukoll il-koordinazzjoni u t-tmexxija politika mill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-politika tal-iżvilupp tal-UE, bil-għan li jiġi massimizzat l-impatt tal-iżvilupp u tissaħħaħ is-sjieda tal-pajjiżi sħab, b'kontribut għat-titjib tal-arkitettura globali usa' tal-finanzi għall-iżvilupp u l-isforzi multilaterali. Għal dan il-għan, il-Kunsill biħsiebu jorganizza skambji regolari dwar l-iżvilupp u l-finanzjament għal kwistjonijiet ta' żvilupp.
6. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-BEI u l-BERŻ jaħdmu flimkien b'mod aktar effettiv u effiċjenti, filwaqt li jibnu fuq il-komplementarjetajiet tagħhom, filwaqt li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom mal-banek Ewropej għall-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji f'approċċ ta' Tim Ewropa. JENFASIZZA wkoll li l-eżerċizzju ta' programmazzjoni tal-NDICI – Ewropa Globali huwa mument kruċjali biex jiġi żgurat li jitnieda titjib fl-EFAD, bil-ħsieb ta' diviżjoni aħjar tax-xogħol, koordinazzjoni u sinerġiji, filwaqt li jsir l-aħjar użu mill-kapital diġà disponibbli biex jiżdiedu l-volumi ta' investiment, jissaħħaħ l-impatt tal-iżvilupp tal-operazzjonijiet u jiġi mobilizzat il-finanzjament sostenibbli tas-settur privat.

7. JISTIEDEN lill-BEI u lill-BERŻ biex ikompli bl-approfondiment sistematiku tal-koordinazzjoni tagħhom kemm fil-livell strateġiku kif ukoll f'dak tekniku, filwaqt li jibnu fuq il-progress li sar fil-grupp ta' ħidma ta' livell għoli bejn il-BEI u l-BERŻ u l-Memorandum ta' Qbil (MtQ) bilaterali tagħhom, u biex jippreżentaw l-ewwel rapport dwar l-azzjonijiet meħuda lill-Kunsill sa Novembru 2021, segwit minn aġġornamenti regolari dwar il-progress għall-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u l-Affarijiet Barranin (Żvilupp) kull sitt xhur fl-2022 u minn hemm 'il quddiem fuq bażi annwali. Barra minn hekk, JINKORAĠĠIXXI lill-BERŻ u lill-BEI biex jikkoordinaw ma' istituzzjonijiet finanzjarji globali oħra attivi fil-pajjiżi ta' operazzjoni tagħhom.
8. JISTIEDEN liż-żewġ banek iqisu l-konklużjonijiet preżenti fit-titjib u fl-implimentazzjoni tal-mudelli kummerċjali rispettivi tagħhom, mingħajr ma jipprekludu d-deċiżjonijiet tal-korpi governattivi rispettivi tal-banek, sabiex isaħħu l-vantaġġi komparattivi tagħhom fil-finanzjament għall-iżvilupp, jevitaw il-frammentazzjoni u jimmassimizzaw l-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp. Tali titjib m'għandux jiġġenera kostijiet addizzjonali għall-azzjonisti tagħhom u jista' jkun soġġett għal skambji ta' fehmiet minn qabel bejn iż-żewġ korpi governattivi.
9. JISTIEDEN lill-BEI biex jippreżenta titjib biex jissaħħaħ l-impatt tal-iżvilupp tal-operazzjonijiet tiegħu fil-pajjiżi sħab billi, fost l-oħrajn, jiżgura strateġiji ddedikati u assoċjazzjoni inklużiva ta' dawk li jfasslu l-politika tal-iżvilupp rilevanti tal-UE, isaħħaħ il-preżenza lokali tal-Bank fil-post fuq bażi ta' każ b'każ fid-delegazzjonijiet tal-UE u japprofondixxi s-sħubiji biex tissaħħaħ il-kapaċità kollettiva tal-banek Ewropej għall-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji taħt approċċ ta' Tim Ewropa. Dan it-titjib għandu jiġi ppreżentat lill-korpi governattivi tal-BEI sat-tielet kwart tal-2021 bil-ħsieb tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni malajr kemm jista' jkun.
10. JINKORAĠĠIXXI lill-BERŻ jibni fuq il-mudell kummerċjali tiegħu biex ikompli jingrana l-investimenti privati speċjalment fid-dawl tad-diskussjonijiet li ġejjin fil-korpi governattivi tal-BERŻ dwar espansjoni ġeografika limitata u inkrementali possibbli għall-Afrika sub-Saħarjana u biex isegwi attivitajiet ta' kooperazzjoni mal-banek Ewropej għall-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji taħt approċċ ta' Tim Ewropa.

11. JAPPELLA lill-banek għall-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej kollha biex iżidu l-kollaborazzjoni u l-koordinazzjoni tagħhom, kemm bejniethom kif ukoll ma' istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali u internazzjonali oħra, filwaqt li jibnu fuq il-punti b'saħħithom u l-għarfien espert ta' kull istituzzjoni u jsaħħu l-effiċjenza, il-viżibbiltà u l-impatt tal-EFAD, b'attenzjoni partikolari li jdaħħlu s-settur privat filwaqt li jikkomplementaw u jappoġġaw l-involvement tas-settur pubbliku. JENFASIZZA l-benefiċċju tal-inċentivar, fejn xieraq, ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni, kofinanzjament u pjattaformi ta' kondivizzjoni tar-riskju tal-pajjiż jew reġjonali, kif ukoll l-iżvilupp ta' mekkaniżmi biex jiġu armonizzati l-istrateġiji, l-istandards u d-dipendenza reċiproka u l-proċeduri ta' rikonoxximent. Barra minn hekk, JINNOTA li l-istrumenti ta' taħlit, il-garanziji u l-għodod innovattivi, bħall-investment b'impatt soċjoekoloġiku, jistgħu jiġu esplorati aktar biex jiġu mmobilizzati l-fondi tas-settur privat.
12. JENFASIZZA r-rwol ewlieni tal-bord strateġiku li jmiss tal-NDICI – Ewropa Globali, EFSD+, filwaqt li JINKORAĠĠIXXI lill-membri kollha biex isaħħu r-rwol tiegħu, b'enfasi fuq il-prinċipju li l-politiki jiġu l-ewwel u fuq il-prijoritajiet strateġiċi definiti mill-Kunsill biex tiġi pprovduta gwida essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-EFSD+, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat NDICI – Ewropa Globali.
13. IFAKKAR fl-importanza li l-Kummissjoni toħloq inċentivi biex issaħħaħ il-kooperazzjoni fost il-banek Ewropej għall-iżvilupp, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-atturi ta' implimentazzjoni ta' daqsijiet, profili u punti b'saħħithom differenti sabiex timmassimizza l-impatt tal-iżvilupp u l-addizzjonalità, tiżviluppa għodod li jappoġġaw sħubiji inklużivi ma' istituzzjonijiet iżgħar għall-iżvilupp, u tagħmel l-aħjar użu u tiżviluppa aktar strumenti bħal arranġamenti ta' kooperazzjoni, kofinanzjament, kondivizzjoni tar-riskju, u proċeduri ta' dipendenza reċiproka u rikonoxximent. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiżviluppa mekkaniżmi li jissimplifikaw l-aċċess għal finanzjament għall-atturi u l-istituzzjonijiet tal-UE fil-qasam tal-iżvilupp, b'mod partikolari għal dawk li huma iżgħar. Barra minn hekk, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tappoġġa banek għall-iżvilupp u istituzzjonijiet finanzjarji iżgħar, u atturi oħra tal-UE għall-iżvilupp fl-applikazzjonijiet tagħhom għall-valutazzjoni tal-pilastri.

14. JINKORAĠĠIXXI lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE, inkluż permezz tan-network ta' Delegazzjonijiet tal-UE, biex isaħħu l-kapaċità, il-kompetenza settorjali u teknika tagħhom, mingħajr kostijiet addizzjonali, bil-ħsieb li jiġu kkoordinati l-banek għall-iżvilupp Ewropej u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha preżenti f'pajjiżi sħab permezz ta' mekkaniżmi eżistenti f'approċċ ta' Tim Ewropa, inkluż programmar konġunt, u biex jinkludu istituzzjonijiet finanzjarji lokali ewlenin għall-iżvilupp. Il-koordinazzjoni għandha tittejjeb ukoll fl-għoti ta' assistenza teknika, inkluż l-Għarfien Espert tas-Settur Pubbliku, biex jinħolqu riżervi għal investimenti fis-settur privat u pubbliku li jwieġbu għall-ħtiġijiet ta' żvilupp lokali, għal riformi ta' politika u regolatorji, u fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' assistenza teknika li jinkludu l-parteċipazzjoni attiva tal-Istati Membri tal-UE u l-istituzzjonijiet tagħhom.
15. JINKORAĠĠIXXI lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jikkoordinaw aktar mal-Istati Membri l-pożizzjonijiet komuni f'fora u istituzzjonijiet multilaterali għall-iżvilupp sabiex jikkellmu b'vuċi tal-UE aktar koerenti fejn adatt, f'konformità mal-approċċ ta' Tim Ewropa fil-livell tal-pajjiż, reġjonali u globali.
16. JISTIEDEN lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE, lill-Istati Membri u lill-banek għall-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji tagħhom, kif ukoll lill-BEI u lill-BERŻ, biex isaħħu l-approċċ tat-Tim Ewropa u biex iżidu, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi sħab, il-viżibbiltà ta' impenn konġunt b'mod strateġiku, inkluż permezz ta' messaġġi konġunti, u komunikazzjoni pubblika dwar l-isforzi ta' Tim Ewropa, filwaqt li jtkomplew l-azzjonijiet komuni biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni.
17. IQIS li parti mill-iżgurar tas-sorveljanza politika adatta ta' dan il-proċess mill-Kunsill tikkonsisti fl-istabbiliment ta' mekkaniżmu regolari ta' monitoraġġ u ta' segwitu, u għal dan il-għan JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippreżenta pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-oġettivi u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'dawn il-konklużjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni u biex tirrapporta kull sena lill-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u l-Affarijiet Barranin (Żvilupp) dwar il-progress [...] minn tmien l-2021, inkluż dwar is-sekwenzjar xieraq tal-azzjonijiet, b'kontribut dovut mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Dan ir-rappurtar għandu jiffoka b'mod partikolari fuq azzjonijiet li jsaħħu l-koordinazzjoni u azzjonijiet li jsaħħu l-impatt tal-iżvilupp tal-EFAD u għandu jipprovdi rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza, sabiex jinforma kwalunkwe

adattament u titjib potenzjali. Il-BEI, il-BERŻ u banek ta' żvilupp u istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej oħra għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw f'dan l-eżerċizzju.
